MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Talba Numru. 23/2003

**Simonds Farsons Cisk plc**

**Vs**

**Clyde Cassar**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma mija u disgha u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm189.56) prezz ta' merkanzija konsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu, liema ammont baqa' ma thallasx.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-avukat Dr. Stephen Muscat in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra r-redikont ezebit mis-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u disgha u tmenin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm189.56), bl-imghax.

L-ispejjez (mhux inkluzi drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------